II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/399

tad-19 ta' Jannar 2021

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ammonti tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali fis-sena 2021

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(7) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri jridu jnaqqsu l-ammont ta' pagamenti diretti li jridu jingħataw lill-bdiewa għal sena kalendarja partikolari, skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament, b'mill-inqas 5 % għall-parti tal-ammont li taqbeż il-EUR 150 000. F'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat tat-tnaqqis irid ikun disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għall-miżuri skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

(2) F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 bid-deċiżjoni tagħhom dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti u tal-prodott stmat riżultanti tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2020. In-notifiki tal-Bulgarija, taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Irlanda, ta' Spanja, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Ungerija, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja, tal-Finlandja, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit indikaw prodott stmat tat-tnaqqis akbar minn żero.

(3) F'konformità mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli bħala appoġġ addizzjonali mill-FAEŻR fl-2021, ċertu perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020.

(4) F'konformità mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, sat-8 ta' Frar 2020, il-Kroazja, l-Ungerija, Malta u l-Polonja nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020 ċertu ammont tal-appoġġ li jrid jiġi ffinanzjat mill-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2021.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

(5) Imsejsa fuq dawn in-notifiki, l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ġew emendati bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/756 ([3]).

(6) Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Lussemburgu u l-Portugall sussegwentement immodifikaw it-talba inizjali tagħhom għal trasferiment. Għaldaqstant, l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ġew emendati mill-ġdid bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1314 ([4]).

(7) Għalhekk meħtieġ li jiġu adattati l-allokazzjonijiet għall-iżvilupp rurali stipulat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għas-sena 2021.

(8) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 137(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-ħruġ), ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 kif applikabbli fis-sena 2020 ma japplikax fir-Renju Unit għas-sena tat-talba 2020. Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/756 ma ffissax limiti massimi ġodda għas-sena 2020 fir-rigward tar-Renju Unit. Peress li l-limiti massimi għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020 iridu jitqiesu għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2021, u peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst għall-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ma hemmx bżonn li jiġu stabbiliti limiti massimi għas-sena finanzjarja 2021 fir-rigward tar-Renju Unit.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jiġi emendat skont dan.

(10) Peress li l-emendi magħmula b'dan ir-Regolament jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għas-sena 2021, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti Tnejn tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 hija sostitwita bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/756 tal-1 ta' April 2020 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 179, 9.6.2020, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1314 tal-10 ta' Lulju 2020 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2020 (ĠU L 307, 22.9.2020, p. 1).

ANNESS

"**PARTI TNEJN: Tqassim tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali (2021 u 2022)**

(prezzijiet kurrenti f'EUR)

	2021	2022
Il-Belġju	***101 120 350***	***82 800 894***
Il-Bulgarija	***276 362 304***	***282 162 644***
Iċ-Ċekja	***317 532 230***	***259 187 708***
Id-Danimarka	***155 064 249***	***75 934 060***
Il-Ġermanja	***1 635 145 136***	***1 092 359 738***
L-Estonja	***107 500 074***	***88 016 648***
L-Irlanda	***380 591 206***	***311 640 628***
Il-Greċja	***776 736 956***	***556 953 600***
Spanja	***1 320 014 366***	***1 080 382 825***
Franza	***2 342 357 917***	***1 459 440 070***
Il-Kroazja	***320 884 794***	***297 307 401***
L-Italja	***1 654 587 531***	***1 349 921 375***
Ċipru	***29 029 670***	***23 770 514***
Il-Latvja	***143 740 636***	***117 495 173***
Il-Litwanja	***238 747 895***	***195 495 162***
Il-Lussemburgu	***13 190 338***	***12 310 644***
L-Ungerija	***476 870 229***	***416 869 149***
Malta	***23 852 009***	***19 984 497***
In-Netherlands	***161 088 781***	***73 268 369***
L-Awstrija	***635 078 708***	***520 024 752***
Il-Polonja	***1 297 822 020***	***1 320 001 539***
Il-Portugall	***575 185 863***	***540 550 620***
Ir-Rumanija	***1 181 006 852***	***967 049 892***
Is-Slovenja	***134 545 025***	***110 170 192***
Is-Slovakkja	***318 199 138***	***259 077 909***
Il-Finlandja	***432 995 097***	***354 549 956***
L-Iżvezja	***258 770 726***	***211 889 741***
Total UE	***15 308 020 100***	***12 078 615 700***
Assistenza teknika	***36 969 860***	***30 272 220***
Totali	***15 344 989 960***	***12 108 887 920"***